

32001R0366

24.2.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 55/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 366/2001**tat-22 ta' Frar 2001****li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' miżuri pprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-arranġamenti li jirrigwardaw l-għajnuna strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 8(7) u 21 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd ⁽²⁾ jipprovdi li l-assistenza għandha tkun iffinanzjata fil-qafas ġenerali ta' l-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali.
- (2) Il-programmi għandhom ikunu implimentati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali ⁽³⁾, u partikolarment l-Artikoli 31 sa 33 u 37 sa 39 tiegħu.
- (3) Sabiex ikun hemm monitoraġġ komprensiv ta' programmi ta' implimentazzjoni, ir-rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 għandu jkollhom informazzjoni kwantifikata u kodifikata fil-forma ta' rapporti kkoordinati tal-progress. L-informazzjoni konċernata għandha tkopri mhux biss proġetti implimentati, li huma implimentati jew pjanati taħt il-FIFG imma wkoll l-irtirar ta' bastimenti eżistenti, imwettqa mingħajr assistenza pubblika skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.
- (4) Ir-rapporti ta' progress għandhom ikunu kumpatibbli mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/98 ⁽⁴⁾, (KE) Nru 643/2000 ⁽⁵⁾ u (KE) Nru 1685/2000 ⁽⁶⁾.
- (5) Il-Kummissjoni għandha jkollha disponibbli informazzjoni xierqa dwar il-miżuri strutturali kollha mwettqa mill-Istati Membri fis-settur tas-sajd, inklużi l-miżuri ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999. Għandha għalhekk tkun stabbilita sistema armonizzata għad-dikjarazzjoni mill-Istati Membri ta' l-ammont ta' għajnuna mħallsa għal daww l-għanijiet.
- (6) Sabiex ikun hemm monitoraġġ u valutazzjoni globali ta' l-impatt fuq l-impriżi konġunti, għandha ssir lista ta' data rilevanti u paragonabbli, li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni fl-istess żmien bħar-rapporti msemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.

- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, rapporti annwali ta' implimentazzjoni għandhom ikollhom b'mod partikolari rapporti ta' progress fuq programmi li jipprovdu tagħrif dwar:

- (a) proġetti implimentati, li jkunu implimentati jew pjanati taħt il-FIFG; u
- (b) l-irtirar ta' bastimenti eżistenti, mwettqa mingħajr għajnuna pubblika, skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.

Il-proġetti huma "implimentati" jew "qed ikunu implimentati" meta l-ispiża eliġibbli kienet ċertifikata u attwalment imħallsa mill-benefiċjarji. Il-proġetti huma "ppjanati" meta l-kreditu jintużaw wara deċiżjoni amministrattiva li tagħti għajnuna pubblika.

2. Kull sena qabel it-30 ta' April, rapporti tal-progress għandhom ikunu sottomessi lill-Kummissjoni, f'forma elettronika, skond il-mudell muri fl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

Kopja oriġinali tal-karta għandha teħtieġ ukoll.

L-Artikolu 2

Kull sena qabel it-30 ta' April, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni sunt ta' l-għajnuniet imsemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999, skond il-mudell muri fl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

Kopja oriġinali tal-karta għandha teħtieġ bħala minimu.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-awtorità tat-tmexxija tibgħat lill-Kummissjoni, f'forma elettronika, l-informazzjoni li ġejja dwar kull impriża konġunta fit-tifsira ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999:

- (a) sa mhux anqas minn sitt xhur wara d-deċiżjoni li tagħti l-premium, l-informazzjoni bażika dwar l-impriża konġunta, skond il-mudell muri fl-Anness III(a) ma' dan ir-Regolament. Fejn meħtieġ, din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata u mibgħuta mill-ġdid lill-Kummissjoni;

⁽¹⁾ ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10.⁽²⁾ ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 54.⁽³⁾ ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 266, ta' l-1.10.1998, p. 27.⁽⁵⁾ ĠU L 78, tad-29.3.2000, p. 4.⁽⁶⁾ ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 39.

(b) fl-istess ħin tar-rapport fuq l-implimentazzjoni ta' pjan ta' l-attività, informazzjoni dwar l-attività mwettqa matul il-perjodu kopert mir-rapport konċernat, skond il-mudell muri fl-Anness III(b) ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 4

Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ghajjnuna mogħtija mill-FIFG għal skemi definiti mir-Regolament tal-Kunsill

(KE) Nru 2468/98 ⁽¹⁾, inkluż applikazzjonijiet għall-ghajjnuna approvati wara l-1 ta' Jannar 1994 taħt ir-Regolament tal-Kunsill Nru 4028/86 ⁽²⁾ u (KEE) Nru 4042/89 ⁽³⁾, għandhom jissoktaw ikunu regolati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1796/95 ⁽⁴⁾.

L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Frar 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 312, ta' 1-20.11.1998, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 376, tal-31.12.1986, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 388, tat-30.12.1989, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 174, tas-26.7.1995, p. 11.

Kliem fil-kolonna tat-tabella

(informazzjoni li għandha tingħata għal kull proġett)

Kolonna 1 sa 5: dettalji amministrattivi tal-proġett

- (1) Numru ta' identifikazzjoni tal-proġett (numru allokati mill-awtorità tat-tmexxija meta d-deċiżjoni amministrattiva li tagħti għajjnuna pubblika tittieħed — 20 karattri massimu).
- (2) (Biex tkun kompletata biss fejn il-proġett jiġi taħt Prioritajiet 1 jew 2 ta' l-Anness IV) numru intern tal-bastiment (tagħtix in-numru ta' reġistrazzjoni); proġett jista' jikkonċerna bastiment wieħed biss barra fil-każ ta' impriżi konġunti li jkopru aktar minn bastiment wieħed (f'dak il-każ, aġti numru intern wieħed kull linja u uża diversi linji).
- (3) Il-post fejn il-proġett jitwettaq (commune).
- (4) Kodiċi NUTS III għall-post fejn il-proġett jitwettaq.
- (5) Benefiċjarju (isem kummerċjali).

Kolonna 6 sa 8: tbassir ta' nfiq taħt proġett skond id-deċiżjoni amministrattiva li tagħti għajjnuna pubblika meħuda mill-awtorità tat-tmexxija

- (6) Spiża totali eliġibbli kkunsidrata fid-deċiżjoni li tagħti għajjnuna pubblika (EUR).
- (7) Għajjnuna FIG mogħtija lill-proġett (EUR).
- (8) Data tad-deċiżjoni amministrattiva li tagħti għajjnuna pubblika (jj/xx/sss).

Kolonna 9 sa 13: data fiżika dwar proġett (klassifika u implimentazzjoni fiżika)

- (9) Miżura (2 ċifri) skond in-nomenklatura ta' l-Anness IV (proġetti individwali jistgħu jikkonċernaw miżura waħda biss).
- (10) Azzjoni (ċifra waħda) skond in-nomenklatura ta' l-Anness IV (proġetti individwali jistgħu jikkonsistu minn iżjed minn azzjoni waħda; f'dak il-każ, aġti azzjoni waħda kull linja u uża diversi linji).
- (11) Indikatur ta' implimentazzjoni (ċifra waħda jew tnejn) skond in-nomenklatura ta' l-Anness IV (azzjoni li tiffirma parti minn proġett jista' jkollha aktar minn indikatur ta' implimentazzjoni wieħed; f'dak il-każ, aġti indikatur wieħed kull linja u uża diversi linji).
- (12) Kwantità fiżika milħuqa (kwantità waħda għal kull indikatur ta' implimentazzjoni).
- (13) Stat ta' implimentazzjoni ta' proġett (ċifra waħda): kodiċi 0 (proġett kopert minn deċiżjoni li tagħti l-għajjnuna imma li għaliha l-ebda spiża għadha ma ġiet iddikjarata)/kodiċi 1 (proġett fis-seħħ)/kodiċi 2 (proġett interrott wara l-implimentazzjoni parzjali)/kodiċi 3 (proġett abbandunat wara implimentazzjoni parzjali)/kodiċi 4 (proġett mitmum).

Kolonna 14 sa 16: informazzjoni dwar l-implimentazzjoni finanzjarja — tal-proġett stqarrija ta' spiża eliġibbli u l-għajjnuna pubblika korrispondenti

- (14) Infiq eliġibbli ċertifikat u attwalment imħallas mill-benefiċjarji (EUR) (uri biss ammonti li l-preċiżjoni tagħhom ġew verifikati skond il-metodi ta' kontroll notifikati lill-Kummissjoni).
- (15) Kontribuzzjoni pubblika mill-Istat Membru (EUR): għajjnuniet mħallsa lill-benefiċjarji, inkluż sussidji u għajjnuniet pubbliċi oħra, fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, fil-limiti provduti mir-Regolament (KE) Nru 2792/1999.
- (16) Għajjnuna FIG mħallsa lill-benefiċjarji (EUR).

Noti:

- (i) Fejn proġett jikkompreni iktar minn azzjoni waħda u d-data finanzjarja ma tistax titqassam għal kull wieħed individwalment, aġti ammont wieħed finanzjarju (fuq livell ta' proġett) fil-kolonna 6-8 u 14-16 biss. Iżda, għall-proġetti dwar miżuri 35 (sajd inland); 42 (miżuri soċjo-ekonomiċi); 44 (operazzjonijiet minn membri tan-negozju); 45 (waqfien temporanju ta' l-attivitajiet u kumpens finanzjarju ieħor); u 51 (assistenza teknika), ammonti finanzjarji għandhom jingħataw (fil-kolonna 6-8 u 14-16) għal kull azzjoni.
- (ii) Proġetti dwar il-miżura 23 (irtar ta' bastimenti mingħajr għajjnuna pubblika flimkien mat-tiġdid tal-flotta bl-għajjnuna pubblika): Aġti iritar ta' bastimenti attwali biss (jiġifieri proġetti "mitmuma" u mhux iritar "pjanat"; iddaħħal xejn fil-kolonna 1, 6-8 u 14-16.

L-ANNEX II

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2792/1999 SUNT TA' STQARRIJA TA' GĦAJNUNIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 19(2)

li għandu jintbagħat lill-European Commission, Fisheries DG, rue de la Loi 200, B-1049 Brussels
e-mail: fisheries-fs@cec.eu.int

(ibgħat stqarrija għal kull Stat Membru, li tkopri s-sena kalendarja preċedenti, irrispettivament min-numru ta' programmi operattivi/dokumenti ta' programm waħdiena)

Stat Membru _____			
<p>Għajnuniet pubbliċi fuq livell nazzjonali, reġjonali jew oħrajn, kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 (esklużi għajnuniet elenkati fir-rapporti ta' progress fuq programmi msemmija fl-Anness I), imħallsa attwalment bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 20 ____ ammonti espressi f' _____ (munita) <i>(ammont globali kull miżura)</i></p>			
Riferenza ta' skemi ta' għajnunata notifikati u approvati mill-Kummissjoni	Miżuri	Kodiċi (*)	Ammont ta' għajnunata pubblika mħallsa


(*) miżuri mhux koperti mir-Regolament (KE) Nru 2792/1999.
 miżuri koperti bir-Regolament (KE) Nru 2792/1999 li rċevew finanzjament parzjali taħt il-FIFG u għajnunata statali li jaqzbu l-limiti stabbiliti mir-Regolament (uri hawn l-ammont ta' għajnunata ta' l-istat li jaqbeż il-limiti msemmija mir-Regolament).
 miżuri koperti bir-Regolament (KE) Nru 2792/1999 imma li ma rċevewx finanzjament parzjali taħt il-FIFG (uri hawn l-għajnuniet kollha statali li tħallsu).

Isem, stat, u firma ta' rappreżentant ta' awtorità kompetenti: _____

Data: ____ / ____ / 20 ____

Tel.: _____ fax: _____ e-mail: _____

Timbru ta' l-awtorità kompetenti



L-ANNEX III

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2792/1999 — IMPRIŻI KONĠUNTI

li għandha tintbagħat lill-European Commission, Fisheries DG, rue de la Loi 200, B 1049 Brussels

e-mail: fisheries-fs@cec.eu.int

(in-numri ta' l-Artikolu jirreferi għar-Regolament (KE) Nru 2792/1999)

(a) **INFORMAZZJONI BAŻIKA DWAR L-IMPRIŻA KONĠUNTA****Informazzjoni ta' implimentazzjoni amministrattiva, finanzjarja dwar il-proġett ta' impriża konġunta**

Kolonna...

- (1) C. I. C.(kodiċi komuni ta' identifikazzjoni) tad-dokument tal-programm operattiv/waħdieni li għalih huwa mitlub ħlas tal-premium biex tkun stabbilita impriża konġunta.
- (2) Numru ta' identifikazzjoni tal-proġett (numru allokati mill-awtorità tat-tmexxija tad-dokument tal-programm operattiv/waħdieni meta tittieħed id-deċiżjoni amministrattiva li tagħti l-premium).
- (3) Data tar-reġistrazzjoni tal-proġett (data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni tal-premium) (jj/xx/sss).
- (4) Data tad-deċiżjoni amministrattiva li tagħti l-premium meħud mill-awtorità tat-tmexxija tad-dokument ta' programm operattiv/programm uniku (jj/xx/ssss).
- (5) Ammont tal-premium mogħti (EUR) (L-Artikolu 8(3)).
- (6) Għajjnuna FIFG mogħtija lill-proġett (EUR).
- (7) Ammont attwalment depożitat għall-garanzija tal-bank (EUR) (L-Artikolu 8(4)).
- (8) Data tad-depożitu tal-garanzija bankarja (jj/xx/ssss).
- (9) Ammont attwalment imħallas bil-quddiem (EUR) (L-Artikolu 8(4)).
- (10) Data tal-pagament bil-quddiem (jj/xx/ssss).
- (11) Ammont attwalment mħallas bħala bilanċ (EUR) (L-Artikolu 8(5)).
- (12) Data tal-pagament tal-bilanċ (jj/xx/ssss).

Informazzjoni dwar il-bastiment(i) trasferiti lill-impriża konġunta

(indika bastiment wieħed kull linja; jekk meħtieġ uża diversi linji)

Kolonna...

- (13) Numru intern tal-bastiment (kif muri fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità).
- (14) Tunnellaġġ tal-bastiment użat biex jkun iffissat l-ammont tal-premium (GT jew GRT).
- (15) L-età tal-bastiment biex ikun iffissat il-premium (numru tas-snin).
- (16) Attività ewlenija tal-bastiment matul il-ħames snin qabel it-trasferiment ta' l-impriża konġunta; semmi attività waħda biss billi jintuża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin: kodiċi 1 (sajd fl-ibħra taħt sovranià jew ġurisdizzjoni ta' l-UE)/kodiċi 2 (sajd taħt ftehim UE)/kodiċi 3 (sajd taħt ftehim ieħor tas-sajd)/kodiċi 4 (sajd fl-ibħra internazzjonali).
- (17) Data tat-tneħħija mill-bastiment mir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità (jj/xx/ssss).
- (18) Data għar-reġistrazzjoni tal-bastiment f'pajjiż terz (jj/xx/ssss).
- (19) Numru tar-reġistrazzjoni ta' bastiment ta' pajjiż terz.
- (20) Parti mill-għajjnuna Komunitarja (EUR) irċevuta qabel il-kostruzzjoni/modernizzazzjoni tal-bastiment li għandha tkun rimborżata skond l-Artikolu 10(3)(b) (ebda aggregazzjoni ta' l-għajjnuniet).
- (21) Data tal-bidu attwali ta' l-attivitàjiet tas-sajd ta' bastiment bħala parti mill-impriża konġunta (jj/xx/ssss).

Karatteristiċi ta' l-impriża konġunta

Kolonna...

- (22) Pajjiż tar-reġistrazzjoni (kodiċi ISO, 2 karattri).
- (23) Isem (isem kummerċjali).
- (24) Indirizz.
- (25) Valuta li fih huwa mfisser il-kapital ta' azzjonijiet ta' impriża konġunta (Kodiċi ISO, 3 karattri).
- (26) Ammont tal-kapital ta' l-ishma.
- (27) *Holding* ta' sħab tal-Komunità (bħala persentaġġ ta' kapital ta' ishma ta' impriża konġunta).
- (28) Motivazzjoni ta' *premium* pubbliku: Kodiċi 1 (twaqqif ta' impriża ġdida konġunta)/kodiċi 2 (akkwist ta' *Holding* f'impriża eżistenti konġunta).
- (29) Data tat-twaqqif jew ta' l-akkwist tal- *holding* (jj/xx/ssss).

(b) INFORMAZZJONI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TA' PJAN TA' ATTIVITÀ

Partikolaritajiet tal-proġett u rapport

Kolonna...

- (1) Numru ta' identifikazzjoni tal-proġett (l-istess numru kif muri fl-Anness III(a), il-kolonna 2).
- (2) Numru tar-rapport (numru bejn 1 u 5).
- (3) Perjodu kopert b'dan ir-rapport: minn (jj/xx/ssss)...
- (4) ... sa (jj/xx/ssss).

Bdil jekk xejn fil-kondizzjonijiet operattivi ta' impriża konġunta li jseħħu matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport

Kolonna...

- (5) Bdil ta' sieħeb f'pajjiż terz: kodiċi 1 (iva)/kodiċi 0 (le).
- (6) Bidla fil-kapital ta' ishma jew fl-azzjonijiet fil-perċentwal tas-sieħeb(sħab) Komunitarju(Komunitarji): kodiċi 1 (iva)/kodiċi 0 (le).
- (7) Bidla tal-bandiera tal-bastiment(i): kodiċi 1 (iva)/kodiċi 0 (le).
- (8) Bidla ta' żona(żoni) tas-sajd: kodiċi 1 (iva)/kodiċi 0 (le).
- (9) Bdil tal-bastiment mitluf minħabba nawfraġju: kodiċi 1 (iva)/kodiċi 0 (le).

Kwantitajiet meħuda mill-bastiment(i) trasferiti lill-impriża konġunta matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport

(fejn hemm diversi bastimenti, agħti kwantitajiet globali)

Kolonna...

- (10) Marlozz (t).
- (11) Speċi tal-qiegħ (t).
- (12) Molluski (t).
- (13) Speċi pelaġiċi (t).
- (14) Krustaċej (t).
- (15) Speċi oħra (t).

Tunnellaġġ impoġġi fis-suq li jikkorrispondi għall-kwantitajiet kollha meħuda msemmija fil-kolonna 10 sa 15 hawn fuq

Kolonna...

- (16) Kwantità totali mpoġġija fis-suq (t).
- (17) Inkluż: kwantità mibjugħa lill-Istati Membri ta' l-UE (t).

Valur tas-suq

Kolonna...

- (18) Valur tal-kwantità mpoġġija fis-suq imsemmija fil-kolonna 16 ta' hawn fuq (EUR).
- (19) Inkluż: valur tal-kwantità mpoġġija fis-suq imsemmija fil-kolonna 17 ta' hawn fuq (EUR).

Impjiegi

Kolonna...

- (20) Numru totali ta' impjiegi abbord bastiment(i).
 - (21) Inkluż: numri ta' impjiegi li jingħatawllhom ċittadini ta' l-UE.
-

L-ANNEX IV

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2792/1999 — NOMENKLATURA TA' PRIJORITAJIET, MIŻURI, AZZJONIJIET & INDIKATURI TA' IMPLIMENTAZZJONI

(in-numri ta' l-artikoli, titoli u annessi jirreferu għar-Regolament (KE) Nru 2792/1999)

PRIJORITÀ 1: AĠĠUSTAMENT TA' L-ISFORZ TAS-SAJD (L-Artikoli 7 u 8)

Miżura 11: skrappjar (L-Artikolu 7(3)(a))

- *Azzjoni 1 skrappjar*
 - Indikatur 1: GRT ⁽¹⁾
 - Indikatur 2: GT ⁽²⁾
 - Indikatur 3: kW ⁽³⁾

Miżura 12: trasferiment lill-pajjiż terz/riassenjazzjoni (L-Artikolu 7(3)(b), (3)(ċ) u (6))

- *Azzjoni 1 trasferiment lill-pajjiż terz (L-Artikolu 7(3)(b))*
 - Indikatur 2: GT ⁽¹⁾
 - Indikatur 1: GRT ⁽²⁾
 - Indikatur 3: kW ⁽³⁾
- *Azzjoni 2 riassenjazzjoni, li ma tkunx għall-preservazzjoni ta' wirt/sajd storiku riċerka/taħriġ attivitajiet/kontroll (L-Artikolu 7(3)(ċ))*
 - Indikatur 1: GRT ⁽¹⁾
 - Indikatur 2: GT ⁽²⁾
 - Indikatur 3: kW ⁽³⁾
- *Azzjoni 3 assenjazzjoni, għall-preservazzjoni ta' wirt/sajd storiku riċerka/taħriġ attivitajiet/kontroll (L-Artikolu 7(6))*
 - Indikatur 1: GRT ⁽¹⁾
 - Indikatur 2: GT ⁽²⁾
 - Indikatur 3: kW ⁽³⁾

Miżura 13: impriżi konġunti (L-Artikolu 8)

- *Azzjoni 1 impriża konġunta*
 - Indikatur 1: GRT ⁽¹⁾
 - Indikatur 2: GT ⁽²⁾
 - Indikatur 3: kW ⁽³⁾
 - Indikatur 4: numru ta' bastimenti

PRIJORITÀ 2: RINNOVAMENT TAL-FLOTTA U MODERNIZZAZZJONI (L-Artikolu 9)

Miżura 21: bini ta' bastimenti ġodda

- *Azzjoni 1 kostruzzjoni*
 - Indikatur 1: GT ⁽⁴⁾
 - Indikatur 2: kW ⁽³⁾

Miżura 22: Modernizzazzjoni ta' bastimenti eżistenti

- *Azzjoni 1 modernizzazzjoni*
 - Indikatur 1: GT (tunnellaġġ ta' bastiment wara l-modernizzazzjoni) ⁽⁴⁾
 - Indikatur 2: ΔGT (żieda fit-tunnellaġġ) ⁽⁴⁾
 - Indikatur 3: kW ⁽³⁾ ⁽⁵⁾

Miżura 23: irtirar ta' bastiment (mingħajr għajnuna pubblika) flimkien mar-rinnovament tal-flotta b'għajnuna pubblika

— *Azzjoni 1 irtirar ta' bastiment eżistenti*

- Indikatur 1: GRT ⁽¹⁾
- Indikatur 2: GT ⁽²⁾
- indikatur 3: kW ⁽³⁾

PRIJORITÀ 3: IL-PROTEZZJONI U L-IŻVILUPP TAR-RIŻORSI AKWATIĊI, L-AKWAKULTURA, IL-FAĊILITAJIET FIL-PORTIJIET TAS-SAJD, IL-PROĊESSAR, IL-BEJGĦ FIS-SUQ U S-SAJD INTERN (it-Titolu III u l-Anness III.2)

Miżura 31: protezzjoni u żvilupp ta' riżorsi akwatiċi ⁽⁶⁾ (6)(l-Anness III.2.1)

— *Azzjoni 1 protezzjoni u l-iżvilupp tar-riżorsi akwatiċi*

- Indikatur 1: żona protetta tal-baħar (km²)
- Indikatur 2: numru ta' proġetti ta' tipi oħra

Miżura 32: akwakultura ⁽⁷⁾ (l-Anness III.2.2)

— *Azzjoni 1 żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-akwakultura (bini ta' unitajiet ġodda u/jew estenzjoni ta' unitajiet eżistenti) ⁽⁸⁾*

- Indikatur 1: tunnellati/sena ta' maskli
- Indikatur 2: tunnellati/sena ta' arzell
- Indikatur 3: tunnellati/sena ta' gajdriet
- Indikatur 4: — tunnellati/sena ta' bass
- Indikatur 5: tunnellati/sena ta' denċi
- indikatur 6: tunnellati/sena ta' barbun imperjali
- Indikatur 7: tunnellati/sena tas-salamun
- Indikatur 8: tunnellata/sena ta' trota tal-baħar imrobbija
- Indikatur 9: tunnellati/sena ta' sallur
- Indikatur 10: tunnellata/sena ta' karpa
- Indikatur 11: tunnellata/sena ta' trota ta' l-ilma ħelu mrobbija
- Indikatur 12: tunnellata/sena ta' speċi oħra
- Indikatur 13: numru ta' ħut ċkejken prodott fil-maqfes

— *Azzjoni 2 modernizzazzjoni ta' unitajiet eżistenti ta' akwakultura bla ebda żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni*

- Indikatur 1: numru ta' unitajiet li bbenefikaw minn kondizzjonijiet sanitarji mtejbja
- Indikatur 2: numru ta' unitajiet li ibbenefikaw mill-kondizzjonijiet imtejbja ambjentali
- Indikatur 3: numru ta' unitajiet li wettqu sistemi mtejbja ta' produzzjoni (kwalità, innovazzjonijiet teknoloġiċi)

Miżura 33: faċilitajiet tal-post tas-sajd (l-Anness III.2.3)

— *Azzjoni 1 bini ta' faċilitajiet/estenzjoni ġodda tal-port ta' faċilitajiet tal-post eżistenti*

- Indikatur 1: m² tal-mollijiet
- Indikatur 2: metri lineari ta' mollijiet
- Indikatur 3: m³ ta' cold stores
- Indikatur 4: m³ ta' mħażen li mhumiex cold stores
- Indikatur 5: numru ta' stallazzjonijiet tal-handling
- Indikatur 6: numru ta' magni tas-silġ
- Indikatur 7: numru ta' stallazzjonijiet ta' l-elettriku u/jew provista ta' l-ilma
- Indikatur 8: numru ta' stallazzjonijiet tal-provista tal-karburant
- Indikatur 9: numru ta' faċilitajiet oħra
- Indikatur 10: m² tal-wiċċ utilizzabbli għall-ewwel bejgħ

- *Azzjoni 2 modernizzazzjoni ta' faċilitajiet eżistenti tal-port bla ebda żieda fil-kapaċità fiżika*
 - Indikatur 1: numru ta' stallazzjonijiet li bbenefikaw minn kondizzjonijiet sanitarji mtejba
 - Indikatur 2: numru ta' stallazzjonijiet li bbenefikaw minn kondizzjonijiet mtejba ambjentali
 - Indikatur 3: numru ta' stallazzjonijiet li wettqu sistemi mtejba ta' servizz (kwalità, innovazzjonijiet teknoloġiċi)

Miżura 34: proċessar ⁽⁷⁾ u tpoġġija fis-suq (l-Anness III.2.4)

- *Azzjoni 1 żieda fil-kapaċità ta' proċessar (bini ta' unitajiet ġodda u/jew estensjoni ta' unitajiet eżistenti)* ⁽⁸⁾
 - Indikatur 1: tunnellati/sena ta' prodotti friski jew imkessħa
 - Indikatur 2: tunnellati/sena ta' prodotti priservati jew semi-priservati
 - Indikatur 3: tunnellati/sena ta' prodotti friżati jew surgelati
 - Indikatur 4: tunnellati/sena ta' prodotti proċessati oħra (ikliet preparati, prodotti fumigati, immellħin, imqadda)
- *Azzjoni 2 modernizzazzjoni ta' unitajiet ta' proċessar eżistenti tal-port bla ebda żieda fil-kapaċità fiżika*
 - Indikatur 1: numru ta' unitajiet li bbenefikaw minn kondizzjonijiet sanitarji mtejba
 - Indikatur 2: numru ta' unitajiet li ibbenefikaw mill-kondizzjonijiet imtejba ambjentali
 - Indikatur 3: numru ta' unitajiet li wettqu sistemi mtejba ta' produzzjoni (kwalità, innovazzjonijiet teknoloġiċi)
- *Azzjoni 3 bini ta' stabbilimenti ġodda għall-bejgħ*
 - Indikatur 1: m² ta' surface area effettiva
- *Azzjoni 4 modernizzazzjoni ta' stabbilimenti eżistenti għall-bejgħ*
 - Indikatur 1: numru ta' stabbilimenti li bbenefikaw minn kondizzjonijiet sanitarji mtejba
 - Indikatur 2: numru ta' stabbilimenti li bbenefikaw minn kondizzjonijiet mtejba ambjentali
 - Indikatur 3: numru ta' stabbilimenti b'faċilitajiet tal-kompjuter

Miżura 35: sajd inter ⁽⁶⁾ (l-Anness III.2.5)

- *Azzjoni 1 bini ta' bastimenti ġodda*
 - Indikatur 1: numru ta' bastimenti mibnija
 - Indikatur 2: tunnellaġġ globali ta' bastimenti mibnija
- *Azzjoni 2 modernizzazzjoni ta' bastimenti eżistenti*
 - Indikatur 1: numru ta' bastimenti modernizzati
 - Indikatur 2: tunnellaġġ globali ta' bastimenti modernizzati
- *Azzjoni 3 miżuri oħra biex jgħinu lis-sajd intern*
 - Indikatur 1: numru ta' proġetti

PRIJORITÀ 4: MIŻURI OĦRA (L-Artikoli 11, 12, 14, 15, 16 u 17(2))

Miżura 41: sajd mal-kosta fuq skala żgħira (L-Artikolu 11)

- *Azzjoni 1 premium għall-proġett integrat kollettiv*
 - Indikatur 1: numru ta' parteċipanti (sajjieda u membri tal-familji tagħhom) fil-proġett

Miżura 42: miżuri soċjo-ekonomiċi ⁽⁶⁾ (L-Artikolu 12)

- *Azzjoni 1 irtir kmieni* (L-Artikolu 12(3)(a))
 - Indikatur 1: numru ta' benefiċjarji
- *Azzjoni 2 premium individwali ta' twaqqif b'rata fissa* (L-Artikolu 12(3)(b))
 - Indikatur 1: numru ta' benefiċjari
- *Azzjoni 3 premium għal taħriġ mill-ġdid* (L-Artikolu 12(3)(c))
 - Indikatur 1: numru ta' benefiċjarji
- *Azzjoni 4 twaqqif ta' għajjuna għal sajjieda żgħażaġħ* (L-Artikolu 12(3)(d))
 - Indikatur 1: numru ta' benefiċjarji
 - Indikatur 2: tunnellaġġ gross reġistrat tal-bastimenti miksub

Miżura 43: promozzjoni ⁽⁹⁾ (L-Artikolu 14)

- *Azzjoni 1 kampanji promozzjonali*
 - Indikatur 1: numru ta' kampanji ġeneriċi
 - Indikatur 2: numru ta' kampanji bażati fuq indikazzjonijiet/desinjazzjonijiet ġeografiċi ta' oriġini (L-Artikolu 14(3))
- *Azzjoni 2 parteċipazzjoni ffieri kummerċjali*
 - Indikatur 1: numru ta' fieri kummerċjali
- *Azzjoni 3 studji tas-suq u stħarriġ*
 - Indikatur 1: numru ta' studji/stħarriġ
- *Azzjoni 4 pariri fuq il-bejgħ u għajnuniet, servizzi provduti lill-bejgiegħa bl-ingrossa u bl-immut*
 - Indikatur 1: numru ta' proġetti
- *Azzjoni 5 ċertifikazzjoni ta' kwalità u operazzjonijiet tat-tikkettjar tal-prodotti*
 - Indikatur 1: numru ta' operazzjonijiet

Miżura 44: operazzjonijiet minn membri tas-sengħa ⁽⁹⁾ (L-Artikolu 15)

- *Azzjoni 1 għajnuna għat-twaqqif ta' organizzazzjonijiet ta' produttori (POs)* (L-Artikolu 15(1)(a))
 - Indikatur 1: numru ta' POs li jirċievu l-għajnuna
- *Azzjoni 2 għajnuna għall-POs biex jassistu l-mixja tagħhom għat-titjib ta' kwalità* (L-Artikolu 15(1)(b))
 - Indikatur 1: numru ta' POs li jirċievu l-għajnuna
- *Azzjoni 3 operazzjonijiet minn membri tas-sengħa* (L-Artikolu 15)
 - Indikatur 1: numru ta' operazzjonijiet dwar it-tmexxija ta' l-istokkijiet tal-ħut
 - Indikatur 2: numru ta' operazzjonijiet fuq is-saħħa u s-sigurtà
 - Indikatur 3: numru ta' operazzjonijiet dwar akwakultura, protezzjoni ambjentali jew tmexxja integrata ta' żoni kostali
 - Indikatur 4: numru ta' operazzjonijiet tas-sengħa
 - Indikatur 5: numru ta' operazzjonijiet tan-negozju inizjali u parir
 - Indikatur 6: numru ta' operazzjonijiet ta' taħriġ
 - Indikatur 7: numru ta' operazzjonijiet finanzjarji ta' inġinerija ⁽¹⁰⁾
 - Indikatur 8: numru ta' operazzjonijiet oħra

Miżura 45: waqfa temporanja ta' attivitajiet u kumpens ieħor finanzjarju ⁽⁶⁾ (L-Artikolu 16)

- *Azzjoni 1 waqfa temporanja fil-każ ta' ċirkostanzi mhux imbassra* (L-Artikolu 16(1)(a))
 - Indikatur 1: numru ta' bastimenti li jingħatalhom il-kumpens
 - Indikatur 2: numru ta' sajjeda li jirċievu l-kumpens
 - Indikatur 3: numru ta' ġranet ta' attività mitlufa fl-għoti tal-kumpens ⁽¹¹⁾
- *Azzjoni 2 waqfa temporanja bħala riżultat tas-sospenzjoni tal-ftehim tas-sajd* (L-Artikolu 16(1)(b))
 - Indikatur 1: numru ta' bastimenti li għalihom jingħata kumpens
 - Indikatur 2: numru ta' sajjeda li jirċievu kumpens
 - Indikatur 3: numru ta' ġranet ta' attività mitlufa fl-għoti tal-kumpens ⁽¹¹⁾
- *Azzjoni 3 waqfien temporanju biex jippermetti li riżorsa tirkupra* (L-Artikolu 16(1)(c))
 - Indikatur 1: numru ta' bastimenti li għalihom jingħata kumpens
 - Indikatur 2: numru ta' sajjeda li jirċievu l-kumpens
 - Indikatur 3: numru ta' ġranet ta' attività mitlufa fl-għoti tal-kumpens ⁽¹¹⁾
 - Indikatur 4: numru ta' impriżi ta' proċessar li jirċievu l-kumpens
- *Azzjoni 4 kumpens bħala riżultat tar-restrizzjonijiet tekniċi* (L-Artikolu 16(2))
 - Indikatur 1: numru ta' bastimenti li jirċievu għajnuna
 - Indikatur 2: numru ta' sajjeda li jirċievu għajnuna

Miżura 46: miżuri innovattivi ⁽⁶⁾ (L-Artikolu 17(2))

— *Azzjoni 1 proġetti pilota/wiri*

— Indikatur 1: numru ta' proġetti pilota sperimentali tas-sajd/wiri

— Indikatur 2: numru ta' proġetti oħra pilota/wiri

PRIJORITÀ 5: ASSISTENZA TEKNIKA (L-Artikolu 17, ma jinkludix il-paragrafu 2)

Miżura 51: għajnuna teknika ⁽⁹⁾

— *Azzjoni 1 programmi ta' tmexxija u implimentazzjoni* ⁽¹²⁾

— Indikatur 1: numru ta' miżuri

— *Azzjoni 2 studju (inkluż studji ta' valutazzjoni mhux koperti mill-azzjoni 1)*

— Indikatur 1: numru ta' studju

— *Azzjoni 3 bdil ta' esperjenza, pubbliċità*

— Indikatur 1: numru ta' miżuri

— *Azzjoni 4 miżuri ta' assistenza teknika oħra*

— Indikatur 1: numru ta' miżuri

PRIJORITÀ 6: MIŻURI FINANZJATI MINN FONDI OĦRA STRUTTURALI TAĦT DAN IL-PROGRAMM (fir-reġjuni ta' Oġġettiv 1 biss)

Miżura 61: miżuri finanzjati mill-ERDF ⁽⁶⁾

— *Azzjoni 1 Aoperazzjonijiet finanzjati mill-ERDF*

— Indikatur 1: numru ta' operazzjonijiet

Miżura 62: miżuri finanzjati mill-ESF ⁽⁶⁾

— *Azzjoni 1 operazzjonijiet finanzjati mill-ESF*

— Indikatur 1: numru ta' ġranet ta' taħriġ għal kull ħaddiem

NOTI

(1) Dan l-indikatur jista' jintuża għal bastimenti anqas minn 24 metru bejn il-perpendikolari biss, u biss sa l-31.12.2003 (ara r-regoli fuq il-qies tat-tunnellaġġ).

(2) Dan l-indikatur għandu jintuża:

— għall-bastimenti ta' 24 metri bejn il-perpendikolari mill-1.1.2000, u

— għall-bastimenti kollha mill-1.1.2004,

(ara r-regoli fuq il-qies tat-tunnellaġġ)

(3) Dan l-indikatur jirreferi għas-setgħa dikjarata skond ir-Regolament (KE) Nru 2090/98 (saħħa tal-magna).

(4) Il-bastimenti kollha mibnija (miżura 21) għandu jkollhom it-tunnellaġġ miżun f'GT, u t-tunnellaġġ tal-bastimenti kollha modernizzati (miżura 22) għandu jkun mitqies mill-ġdid f'GT (Anness IV, punt 1.4(a) lir-Regolament (KE) Nru 2792/1999). L-indikatur GRT m'għandux jintuża, għalhekk, għall-bastimenti mibnija ġodda jew modernizzati. Jekk il-modernizzazzjoni ma tfissirx żieda fit-tunnellaġġ, il-kwantità korrispondenti hija 0.

(5) L-indikatur jirreferi għas-saħħa totali tal-magna ġdida tal-bastiment, u biex ma jżiedx il-poter bħala riżultat tal-magna l-ġdida. Jekk il-modernizzazzjoni ma tinkludix magna ġdida, il-kwalità korrispondenti hija 0.

(6) F'din il-miżura, azzjoni tista' tinkludi l-proġetti kollha f'reġjun partikolari NUTS III; f'dak il-każ, il-kwantità rilevanti hija aggregat.

(7) F'unità ta' akwakultura/proċessar = *fishfarm*/impjant ta' proċessar jew ħanut tax-xogħol.

(8) L-indikatur għal din l-azzjoni tirreferi għall-kapaċità fiżika ta' produzzjoni ta' l-unitajiet mibnija (jew fuq iż-żieda tal-kapaċità ta' produzzjoni fiżika bħala riżultat ta' l-estensjoni ta' unitajiet eżistenti) u mhux il-kwantità attwalment prodotta fl-ewwel sena.

(9) F'din il-miżura, azzjoni tista' tgħaqqad il-proġetti kollha f'programm; f'dak il-każ, ibdel fit-tabella fl-Anness I ma' dan ir-Regolament il-kodiċi NUTS III bil-kodiċi NUTS għall-Istati Membri (kolonna 4) u jagħtu l-kwantitajiet aggregati.

(10) Fit-tifsira tar-Regoli Nru 8 (kapital ta' riskju u fondi tas-self), Nru 9 (fondi ta' garanzija) u Nru 10.2 (għajnuna permezz kerrej) fir-Regolament (KE) Nru 1685/2000.

(11) Dan in-numru tal-ġranet japplika ugwalment għall-bastimenti u s-sajjed.

(12) Fit-tifsira tal-kategoriji ta' l-ispiża msemmija fil-punt 2 tar-Regola Nru 11 (spejjeż minfuqa fit-tmexxija u l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali) tar-Regolament (KE) Nru 1685/2000.